SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 36/K7/15**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 29/01/'15** **319**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 29/01/'15** **374**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 18/12/'14** **20**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 29 ta' Jannar 2015.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30 p.m.

1.03 Preżenti:
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Richard Scicluna

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Skużati:- Is-Sindku Peter Bonello (peress li kien imsiefer).

1.05 Assenti:- (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-23 ta' Jannar 2015. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Offerti re: *Contracts Manager*
4. Il-Festa ta' Lapsi
5. Magazine
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
8. Aġġornament tal-laqgħa

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċerman ressaq il-Minuti 34/K7/14 u 35/K7/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 04/KA2/14, 05/KA2/14 u 06/KA2/14 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A', 'B' u 'Ċ').

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 6140 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fir-rigward il-proposta Bye-Law Sewqan ta' Roti u Vetturi Mekkanizzati fuq Bankini f'San Ġiljan. |

6159 Email mingħand il-Ministeru għall-Intern u Sigurta Nazzjonali dwar ix-xogħolijiet ta' manutenzjoni f'Ta' Ġiorni.

6383 & 6391 Korrispondenza dwar Memo 29/2014 – Lista ta' Pagamenti.

6659 Talba mingħand is-Sur Jean Vella biex isiru *aluminium* u *perspex railings* wara l-U Bistrot planters.

6722 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 33/2014 – Talbiet minn Ministeri jew Entitajiet Governattivi.

6784 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 34/2014 – Aġġornament tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali.

6786 Korrispondenza dwar il-konferenza tal-ECAD li ser issir f'Mejju.

6808 & 265 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni Jannar – Diċembru 2015.

6846 Talba mingħand Frank Borda Ltd dwar promozzjonijiet tal-karozzi tagħhom.

19 Talba sabiex isir *bicycle stand* quddiem il-Hotel Juliani.

24 Email mingħand il-Green MT dwar l-ġbir ta' ħġieġ bieb bieb.

197 Talba għal-laqgħa mal-Green MT dwar il-ftehim il-ġdid.

222 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fir-rigward Memo 2/2015 – Elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali (April 2015).

279 Email dwar Premju Segretarju Eżekuttiv 2015.

493 Email mir-Reġjun Ċentru dwar fondi (€51037) b'konnessjoni ma' L.E.S. li ġew approvati lill-Kunsill.

505 Stima ta' xogħolijiet b'konnessjoni mat-tiswijiet u *upgrading* tal-Belisha Beacons fejn hemm iż-żebra crossings.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. 6159**

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand il-Ministeru għall-Intern u Sigurta Nazzjonali dwar ix-xogħolijiet ta' manutenzjoni f'Ta' Ġiorni.

2.03 Il-Kunsilliera Irene Borg infurmat lill-Kunsill li x-xogħlijiet fuq il-Ġnien Dun Anton Sciberras miexi b'ritmu mgħaġġel.

2.04 Ġie deċiż unanimament it-Tender għat-Tmexxija tal-Ġnien Dun Anton Sciberras jinħareġ meta jkunu lesti x-xogħolijiet min-naħa tal-Ministeru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali. Dan sabiex ikun hemm linja ċara fl-ispeċifikazzjoni tat-tender.

**Rif. Nru. 6659**

2.05 Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Jean Vella biex isiru *aluminium* u *perspex railings* wara l-U Bistrot planters. Ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat li mhiex il-kompetenza tal-Kunsill biex jiddeċiedi dwar l-istruttura proposta, għalhekk mitlub jirreferi il-każ tiegħu lill-MEPA.

**Rif. Nru. 6808 & 265**

2.06 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni Jannar – Diċembru 2015.

2.07 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li saret talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jingħata nformazzjoni kif ġiet imqassma l-allokazzjoni fuq Paceville. Dan sabiex ikun jista' jsir l-aġġustament fil-budget.

2.08 Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-informazzjoni mid-DLG ser tingħata fil-futur qarib (Ara Appendiċi 'D').

**Rif. Nru. 6846**

2.09 Saret riferenza għat-talba mingħand Frank Borda Ltd, b'konnessjoni mal-promozzjoni tagħhom tal-karozzi fil-*week-ends.* Fejn saret talba biex jingħataw tnejn jew tlett *parking spaces*, fiċ-ċentru tal-lokal, sabiex jipparkjaw tnejn jew tlett karozzi u jitqegħdu *banners* u bżieżaq.

2.10 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li Frank Borda Ltd. jiġi nfurmat li l-Kunsill lest li jalloka tlett *parking spaces* in-naħa tal-Balluta, dment li l-Kunsill jingħata donazzjoni ta' €500.00 (ħames mitt euro) ma' kull għoti ta' permess li jinħareġ mill-Kunsill.

**Rif. Nru. 19**

2.11 Saret riferenza għat-talba li saret mingħand il-Hotel Juliani sabiex issir *bicycle stand* quddiem il-lukanda.

2.12 Ġie deċiż unanimament li l-Hotel Juliani tiġi nfurmata li l-Kunsill ma aċċettax it-talba li saret peress li ħdejn il-monument LOVE diġa hemm *bicycle stand*.

**Rif. Nru. 24**

2.13 B'riferenza għall-email mingħand il-Green MT dwar il-ġbir ta' ħġieġ bieb bieb ġie deċiż unanimament li tinġibed l-attenzjoni tal-Green MT biex jinforma lir-residenti dwar dan is-servizz.

**Rif. Nru. 197**

2.14 Saret riferenza għat-talba għal-laqgħa mal-Green MT dwar il-ftehim.

2.15 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li:-

a) Il-Green MT ma' onorax kemm il-kuntratt kif ukoll li wiegħed fil-laqgħa li saret miegħu fl-4 ta' Awwissu 2014. (Ara Appendiċi 'E') peress li l-pagamenti li kellu jagħmel ma sarux.

b) Il-Kunsill irċieva biss pagament ta' €2,000 fil-11 ta' Novembru 2014.

c) Il-bilanċ dovut lill-Kunsill sa l-aħħar ta' Diċembru 2014 huwa ta' € 18,513.71.

d) Il-Green MT ġie mitlub jikkonferma l-bilanċ dovut lill-Kunsill sa l-aħħar ta' Diċembru 2014 (Ara Appendiċi 'F') iżda sa llum dan ma bagħat l-ebda risposta.

e) Il-korrispondenza ntbagħtitlu kemm bil-posta normali kif ukoll dik rreġistrata (Ara Appendiċi 'G') u fiż-żewġ okkażjonijiet ġie provdut ukoll bl-*envelope* bil-bolla indirizzat lill-Kunsill .

f) Is-Sindku diġa kkomunika mal-Green MT u għaddejjin id-diskussjonijiet dwar din il-materja.

2.16 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li:-

a) Il-Green MT jiġi nfurmat li qabel il-Kunsill ikompli jiddiskuti miegħu dwar il-ftehim għandu jsir il-pagament ta' €18, 513.71 immedjatament.

b) Din l-*item* terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**Rif. Nru. 279**

2.17 Saret riferenza għal *e*-mail dwar Premju Segretarju Eżekuttiv 2015.

2.18 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet li s-Segretarju Eżekuttiv tiġi nnominata għall-Premju Segretarju Eżekuttiv.

2.19 Il-Kunsillier Alex Grech issekondaha.

2.20 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Rif. Nru. 505**

2.21 Saret riferenza għall-istima ta' xogħolijiet b'konnessjoni mat-tiswijiet u *upgrading* tal-Belisha Beacons / *zebra crossings*. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li ġiet inkarigata mis-Sindku tinforma lill-Kunsill li mill-fondi ta' L.E.S. (ara inc. 493/15) jintużaw €28,770 minnhom biex isir *upgrading* u tiswijiet tal-Belisha Beacons / *zebra crossings*.

## 3. Offerti re: *Contracts Manager*

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bix-schedule ta' l-offerti (Ara Appendiċi 'H').

3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet li l-kuntratt preżenti jiġġedded sa l-aħħar ta' Mejju 2015 u li l-Kunsill il-ġdid jiddeċiedi huwa lil min jingħata t-tender.

3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Il-Festa ta' Lapsi

4.01 Il-Kunsill għamel riferenza għall-korrisspondenza inc. no. 86/15. (Ara Appendiċi 'I').

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Budget huwa approvat bl-ammont tat-Tender, jiġifieri € 18,500.

4.03 Wara diskussjoni ġie deċiż li:

a) Issir laqgħa mas-Sur Noel Castillo u jiġu nfurmati l-Kunsilliera bid-data.

b) Id-data ta' l-attivita' tal-Festa ta' Lapsi tibqa' tiġi ċċelebrata fis-6 ta' Ġunju.

c) Il-budget ta' l-attivita' ikun € 18,500.

4.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-attivita′ tal-Karnival din is-sena ser issir nhar is-Sibt 14 ta' Frar mit-3.00p.m. – 5.30p.m.

4.05 Ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa ma′ rappreżentat ta′ kull Banda biex jiġi diskuss li bejniethom tiġi ffurmata banda biex jipparteċipaw waqt l-attivita′ tal-Karnival.

4.06 Ġie deċiż unanimament li (mill-fondi tar-Reġjun) jiġu allokati €750.00 biex jintużaw jekk jintlaħaq ftehim mal-Baned għall-parteċipazzjoni tagħhom waqt l-attivita′ tal-Karnival.

**5 Magazine**

5.01 Ġie diskuss jekk għandux jinħareġ fuljett jew *magazine* qabel l-elezzjoni tal-Kunsill.

5.02 Ġie deċiż unanimament li dan m'għandux jinħareġ.

5.03 Il-Kunsillier Anthony Grech wasal 3.45p.m.

**6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'J').

6.02 Il-Kunsilliera Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli issekondatu.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 3647 sa Nru. 3682 (Ara Appendiċi 'K').

7.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets minn Nru. 3647 sa Nru. 3682. .

7.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8 Aġġornament tal-laqgħa**

8.01 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Hamis 5 ta' Frar 2015 fis-2.30 p.m.

8.02 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.03 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**9. Materji Oħra**

9.01 Il-Kunsill idduskuta s-sitwazzjoni ta' Triq Lapsi u ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Kuntrattur Polidano Bros. minħabba lmenti minn residenti taż-żona ta' Triq Lapsi u minn kull min juża l-istess triq. Wara l-aħħar maltemp, is-sitwazzjoni f'din it-triq iddetorjarat b'mod illi meħtieġ li jsir ix-xogħol mhux aktar tard minn ġimgħa mil-lum. F'eventwalita', l-Kunsill iżomm id-dritt li jieħu l-passi legali skond il-liġi.

9.02 Kopja ta' din l-ittra tintbgħat lill-Ing. Stefan Riolo – Water Services Corporation, lill-Perit Audrey Testaferrata De Noto – Transport Malta u lis-Sinjura Joan Agius – Ministeru għal Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

9.03 Il-laqgħa ntemmet fl-4.10 p.m.

**Charles Camenzuli**
**Viċi-Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**